MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2004

Citazzjoni Numru. 676/2003

**Roderick Muscat maghruf bhala Roderick Muscat Monsigneur**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 3 ta' Lulju 2003 a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi, l-attur twieled Pieta', Malta, fil-wiehed u tletin (31) ta' Lulju ta' l-elf disa' mija sitta u sebghin (1976), u l-Att tat-twelid tieghu kien gie debitament registrat fir-Registri ta' l-Istat Civili dwar Atti tat-twelid u r-Registru ta' Persuni Adottati mizmuma fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku, il-Belt

Valletta, bin-numru tlieta disgha tlieta erbgha (3934) tas-sena disa' mija sitta u sebghin (1976);

Illi, fuq l-imsemmi Att tat-twelid tal-attur il-kunjom tal-missier u tal-omm, huma mnizzlin bhala *Muscat*;

Illi, madankollu, in-nanna paterna tal-attur kien jisimha *Rita* kunjomha xebbha *Monsigneur*, u d-dixxendenti taghha inkluz l-attur huma maghrufa bhala *Ta' Monsigneur*;

Illi, l-attur konsistentement jissejjah bhala *Muscat Monsigneur* u ghaldaqstant huwa ghandu nteress jistitwixxi dawn il-proceduri *stante* li jixtieq irendi dan l-istat ta' fatt ufficjali;

Illi, l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoregi l-Att tat-twelid ta' l-attur bin-numru tlieta disgha tlieta erbgha (3934) tas-sena elf disa' mija sitta u sebghin (1976), billi jhaddal il-kunjom "Monsigneur" wara l-kunjom "Muscat" fil-parti tal-imsemmi att tat-twelid fejn jidhru l-isem u l-kunjom tal-missier kif ukoll tal-omm tal-attur, u/jew tigi ordnata minn din l-Onorabbli Qorti l-annotazzjoni fil-margini tal-imsemmi Att tat-twelid tal-attur bin-numru tlieta disgha tlieta erbgha (3934) tas-sena elf disa' mija sitta u sebghin (1976), illi l-istess attur hu maghruf bil-kunjom "Muscat Monsigneur";

2. Tordna illi l-bdil effettwat fl-Att tat-twelid tal-attur skond it-talba hawn fuq indikata (kif milqugha), jigi rifless f'kull att tal-istat civili relattiv ghall-attur, inkluz fl-att ta' zwieg bin-numru tnejn erbgha hamsa (245) tas-sena elf disa' mija sebgha u disghin (1997);

3. Tordna li vera kopja ta' din is-sentenza tintbaghat mir-Registratur ta' dawn il-Qrati lill-konvenut skond kif rikjest mill-ligi.

Bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu tal-attur *stante* n-natura tal-kaz, u bl-ingunzjoni in subizzjoni tal-konvenut.

Rat id-dikjarazzjoni attrici u l-lista tax-xhieda a fol 3 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-affidavit ta' Etienne Cini a fol. 12 tal-process.

Rat l-affidavit ta' Claudia Falzon a fol. 13 tal-process.

Rat l-affidavit ta' Nicolas Bilocca a fol. 14 tal-process.

Rat l-affidavit ta' Reno Cucciardi a fol. 15 tal-process.

Rat id-Digriet li jipprovdi ghall-prezentata tal-affidavits attrici datat 28 ta' Awissu 2003.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut d-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn espona bir-rispett:

1. Illi l-**Artikolu 4 (3) tal-Kodici Civili** jaghti d-dritt lil persuna li juza kunjom missieru jew izied kunjom ommu wara dak ta' missieru;

2. Illi, jekk jigi ppruvat li missier l-attur kien juza l-kunjom *'Muscat Monsigneur'* allura t-talba odjerna ghandha tigi milqugha. Izda fic-cirkostanzi jehtiegu iktar provi minn dawk prodotti ghaliex kollha kemm huma jimilitaw kontra l-fatt li missieru kien juza l-kunjom *'Muscat Monsigneur';*

3. Illi, fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid tal-attur mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti;

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku flimkien mal-lista tax-xhieda datati 30 ta' Settembru 2003 a fol. 32 u 33 tal-process.

Rat ir-rikors tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datat 10 ta' Novembru 2003, fejn il-konvenut talab differiment fid-data tas-smiegh tal-kawza.

Rat id-digriet tal-11 ta' Novembru 2003 fejn Qorti astjenit milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess rikors peress li r-rikors gie a konjizzjoni tal-Qorti wara l-istess seduta.

Rat il-verbal tal-11 ta' Novembru 2003 fejn il-Qorti estendit iz-zmien tal-prezentata tal-affidavit atttrici u konfermat id-digriet taghha tat-28 ta' Awissu 2003.

Rat in-nota tal-attur datata 28 ta' Novembru 2003 li permezz taghha ezibixxa l-affidavit ta' Anthony Muscat Monsigneur.

Rat il-pubblikazzjoni skond id-disposizzjonijiet tal-Ligi, datata 5 ta' Awissu 2003 (fol. 24).

Rat il-verbal tal-14 ta' Jannar 2004 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-26 ta' Frar 2004.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### (i) <u>PROVI PRODOTTI.</u>

Rat l-affidavit ta' missier l-attur **Anthony Muscat Monsigneur** li gie prezentat permezz ta' nota datata 28 ta' Novembru 2003. Tali affidavit jinsab a fol. 40 tal-process.

### (ii) <u>APPREZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.</u>

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghall-korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid ta' l-attur numru 3934/1976 *stante* li l-attur qed jallega li fil-fatt hu kien dejjem maghruf bil-kunjom "Muscat Monsigneur" u mhux "Muscat" kif indikat fl-istess Certifikat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-allegazzjonijiet attrici lkoll gew ippruvati, u fil-fatt lanqas biss huma kkontestati, u dan jinsab ikkonfermat ukoll mic-certifikat tal-mewt ta' missier l-attrici stess Nru 911/1948, mic-certifikat tal-mewt tan-nanna l-attur Nru 2127/1981 li jikkonferma li kunjomha xebbha hu "Monsigneur". Illi fil-fatt jirrizulta li missier l-attur kien u ghadu maghruf bil-kunjom "Muscat Monsigneur" kif jirrizulta mill-affidavits esebiti. Ghalhekk it-talbiet kif dedotti ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, inkwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli mal-premess, **tilqa' t-talbiet attrici** kif dedotti fic-citazzjoni, b'dan li:-

1. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jikkoregi l-Att tat-twelid ta' l-attur bin-numru tlieta disgha tlieta erbgha (3934) tas-sena elf disa' mija sitta u sebghin (1976), billi jhaddal il-kunjom *"Monsigneur"* wara l-kunjom *"Muscat"* fil-parti tal-imsemmi att tat-twelid fejn jidhru l-isem u l-kunjom tal-missier kif ukoll tal-omm tal-attur, u dan peress li l-istess attur hu maghruf bil-kunjom *"Muscat Monsigneur"* u hekk ghandu jigi ndikat fl-att tat-twelid tieghu;

2. Tordna illi l-bdil effettwat fl-Att tat-twelid tal-attur skond it-talba hawn fuq indikata (kif milqugha), jigi rifless f'kull att tal-istat civili relattiv ghall-attur, inkluz fl-att ta' zwieg bin-numru tnejn erbgha hamsa (245) tas-sena elf disa' mija sebgha u disghin (1997);

3. Tordna li vera kopja ta' din is-sentenza tintbaghat mir-Registratur ta' dawn il-Qrati lill-konvenut skond kif rikjest mill-ligi.

Illi l-Qorti tordna ukoll li *ai termini* tal-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata

ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart ijiem minn dak in-nhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16.**

Illi dwar il-kap tal-ispejjez dawn ghandhom jigu ssoportati mill-istess attur, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-konvenut odjern.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------